MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 56/2014

**George Felice, Mario Borg, Albert Gauci,**

**Charles Demicoli, Edward Demicoli, Joseph Bezzina,**

**Eugenio Azzopardi, Nicholas Micallef, Robert Borg,**

**Raymond Galea, Harvey Stephenson,**

**Giuseppe Sciberras u Emanuel Falzon**

**vs**

**L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u**

**l-kjamat in kawza Keith Attard Portughes**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appellanti George Felice, Emanuel Falzon, Carmel Sive Charles Demicoli u martu Maria Carmela sive Marlene Demicoli, Albert Gauci u martu Carmen Gauci tat-28 ta’ Jannar 2015 sabiex din il-Qorti tirreferi l-atti tal-kawza lil Prim’Awla biex jigi stabbilit jekk dikjarazzjoni ta’ nullita tal-appell interpost mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar minghajr ma gie kostatat mit-Tribunal jekk l-aggravju taghhom cioe li l-bdil tal-pjanti mill-applikant kienx jikkostitwixxi ’material chanage’ fl-applikazzjoni u kwindi l-htiega tal-hrug mill-gdid tal-avviz u notifika lir-rikorrenti skond il-ligi biex jekk jidhirlhom joggezzjonaw ghall-izvilupp entro terminu stabbilit mill-ligi, kienx qed jilledi d-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq salvagwardat mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem;  ;

Rat ir-risposti tal-applikant u l-Awtorita li opponew ghat-talba billi fl-ewwel lok aggravju fil-mertu kif qed jigi sottomess fl-appell quddiem din il-Qorti ma tqajjimx quddiem it-Tribunal u fi kwalunkwe kaz, l-appell quddiem din il-Qorti hu intiz biex l-appellanti jottjenu fil-fatt dak li qed jitolbu permess tar-referenza Kostituzzjonali u ghalhekk hemm rimedju ordinarju disponibbli ghall-appellanti permezz tal-appell;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti hi propensa taqbel mal-Awtorita u l-applikant illi t-talba ghal referenza hi wahda frivola u versatorja billi r-rimedju mitlub fl-appell quddiem din il-Qorti hu intiz biex titwarrab id-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-appell jerga’ jinstema’ mill-gdid billi jittiehed kont tal-aggravju tal-appellant li ma giex kunsidrat kif imiss mit-Tribunal.

Il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellanti quddiem din il-Qorti hu wiehed car. Huma qed jallegaw illi t-Tribunal iddikjara li l-appellanti ma oggezzjonawx fit-terminu preskritt mill-ligi ghall-izvilupp propost u ghalhekk ma setghux jinterponu appell quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Huma allegaw illi dak li kellu jinvestiga l-ewwel it-Tribunal hu jekk il-bdil tal-pjanti tal-proposta b’mod sostanzjali wara li tkun saret il-proposta u wara

gheluq it-terminu ghall-oggezzjoni ta’ min jista’ jkollu interess kienx jinnecessita li l-proposta terga’ tigi imxandra mill-gdid skond l-Avviz Legali 504/03 fejn allura jergghu jiskattaw id-drittijiet li issir oggezzjoni jew sottomissjonijiet ghall-izvilupp. Bla dubju dan hu punt ta’ ligi li jaghti dritt ta’ appell quddiem din il-Qorti u li l-Qorti trid tikkunsidra flimkien ma’ dak kollu li qed jigi sottomess mill-partijiet fl-appell quddiem din il-Qorti. Jekk instab li l-appellanti ghandhom ragun f’dak li l-appellanti jallegaw kellu jikkonsidra t-Tribunal id-decizjoni tat-Tribunal tigi skartata biex l-istess Tribunal jinvestiga l-ilment mill-perspettiva li l-appellanti jsostnu kellu jigi l-ewwel kunsidrat mit-Tribunal. Dan jerga’ jpoggi l-partijiet fil-pozizzjoni inizjali bla ebda pregudizzju jew dannu rekat u fejn il-partijiet ghandhom garantit il-jedd li jinstemghu, tinghata decizjoni u bid-dritt ta’ appell quddiem din il-Qorti f’kaz ta’ appell fuq punt ta’ ligi fejn allura l-appellanti jkollhom ukoll il-beneficju tad-dritt tad-doppio esame.

Ghalhekk din il-Qorti hi vestita biex taghti rimedju ordinarju li hu effikaci u effettiv fil-konfront tal-appellanti jekk gustifikat u ebda jedd ta’ smigh xieraq ma hu qed jigi lez jekk l-appellanti ghandhom ragun fil-mertu tal-aggravju fuq punt ta’ ligi imressaq quddiem din il-Qorti.

**Decide**

Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tichad it-talba tal-appellanti ghal referenza Kostituzzjonali billi tali talba f’dan l-istadju u bir-rimedju possibbli quddiem din il-Qorti li huma effikaci u effettivi, hi frivola u vessatorja. Spejjez ghall-appellanti.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------